MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 32/2011/1

**Ir-Republika ta' Malta**

**v.**

**Alfred Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell maghmul mill-Avukat Generali minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civil, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-16 ta' Jannar 2012 fuq ordni ta' referenza maghmula lilha mill-Qorti Kriminali.

Il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza appellata kienet wieġbet hekk għal referenza magħmula mill-Qorti Kriminali:
“1. Kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali ta’ Alfred Camilleri protett mill-artikolu 6(3)(c) abbinat mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt għall-aċċess ta’ avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur Norbert Ciappara fi Triq Sant’Ursola, Valletta u fid-dar 134, Triq Sant’Ursola, Valletta fis-7 ta’ Settembru 2006.

“2. Tiddikjara li fil-kors tas-smigħ tal-proċeduri kriminali m’għandux isir użu ta’ provi li jkunu jirreferu għal dak li qal Alfred Camilleri lill-Ispettur Norbert Ciappara fis-7 ta’ Settembru 2006 ġewwa Triq Sant’Ursola, Valletta u fid-dar numru 134, Triq Sant’Ursola, Valletta, bi tweġiba għal domandi li għamillu l-istess spettur.

“3. Peress li l-każ qiegħed jinstema’ quddiem il-Qorti Kriminali, tqis li għandha tkun dik il-qorti li tagħti ordni li tkun konformi ma’ dak li ġie deċiż f’din is-sentenza dwar x’għandu jsir minn dawk il-partijiet tat-traskrizzjonijiet tax-xiehda tal-Ispettur Norbert Ciappara, Diane Fenech, PS1086 Johann Micallef u PC213 Nicolai Borg b’riferenza għal dak li qal Alfred Camilleri lill-pulizija fis-7 ta’ Settembru 2006.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant l-Avukat Generali li permezz tieghu talab li, filwaqt li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma nstabet l-ebda lezjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, thassar il-kumplament ta’ dik is-sentenza u, minflok, tiddeciedi li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt fundamentali ta’ Alfred Camilleri protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat Alfred Camilleri li permezz taghha, u ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta’ Novembru 2012 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-appell interpost mill-Avukat Generali u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat is-sentenza sussegwenti moghtija minn din l-istess Qorti, wara rikors maghmul mill-Avukat Generali ghat-thassir tas-sentenza tat-12 ta’ Novembru 2012, u smigh mill-gdid tal-appell taht l-Artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12, li permezz taghha din il-Qorti laqghet it-talba tal-Avukat Generali, u filwaqt li thassret dik is-sentenza, ordnat is-smigh mill-gdid tal-appell.

Il-fatti

Il-fatti relevanti huma dawn: il-pulizija kellha tagħrif dwar traffikar ta’ droga f’kaxxa li kellha tasal Malta fuq titjira minn Londra. Meta waslet il-kaxxa l-pulizija fetħitha u sabet li kien fiha pilloli li x’aktarx kienu *ecstasy*. Il-pilloli tneħħew u l-kaxxa reġgħet ingħalqet sabiex tkun tista’ ssir dik li tisejjaħ *controlled delivery*. Il-kaxxa mbagħad inġabret minn Alfred Camilleri u minn Mario Abdilla fis-7 ta’ Settembru 2006 mill-uffiċċji ta’ *Thomas Smith* fil-Belt Valletta u Camilleri qegħedha fid-dar ta’ ommu fi Triq Sant’Ursola, il-Belt Valletta. Imbagħad Camilleri u Abdilla marru lejn iċ-Ċirkewwa iżda hemm arrestathom il-pulizija.

Il-pulizija ħadet lil Camilleri lura miċ-Ċirkewwa lejn il-Belt Valletta u fit-triq is-Sovrintendent (dak iż-żmien Spettur) Ciappara għamillu xi mistoqsijiet illi Camilleri wieġeb għalihom. L-għada, fit-8 ta’ Settembru 2006, Camilleri reġa’ ġie interrogat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u għamel stqarrija bla ma ngħata fakoltà li jkellem avukat.

Inbdew proċeduri kriminali kontra Camilleri u waqt dawk il-proċeduri saret referenza mill-Qorti Kriminali lil-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha biex twieġeb għall-mistoqsija jekk inkisirx il-jedd ta’ Camilleri taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali “minħabba l-fatt li

l-istess akkużat ma kienx ingħata l-fakoltà qabel ma ġie interrogat li jikkomunika ma’ avukat ta’ fiduċja tiegħu”.

Is-sentenza appellata

L-ewwel qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet dawn il- konsiderazzjonijiiet:

“Il-qorti rat l-att tal-kawza kriminali u semghet ukoll lill-Ispettur Norbert Ciappara jixhed bil-gurament fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011. Jirrizulta li:-

“1. Il-pulizija kienet inghatat informazzjoni dwar traffikar ta’ droga minn certu Mario Abdilla. Jirrizulta li bl-intervent tal-Magistrat, saret controlled delivery ta’ kaxxa li waslet f’Malta bl-ajru b’titjira minn Londra. Il-kaxxa nfethet mill-pulizija u fiha kien hemm mera u fuq wara nstabu ammonti ta’ pilloli li l-pulizija ssuspettat li kienu ecstasy. Fuq ordni tal-Magistrat, il-pilloli tnehhew u kollox tqieghed fl-istat li kien qabel infethet il-kaxxa. Minn hemm ‘il quddiem il-pulizija kienet qeghda tosserva l-movimenti tal-kaxxa, li jirrizulta li fis-7 ta’ Settembru 2006 ittiehdet minn Mario Abdilla u Alfred Camilleri mill-ufficcju ta’ Thomas Smith Group, Triq San Kristoferu, Valletta ghal gewwa dar fl-istess triq li fil-kors tal-investigazzjoni rrizulta li fiha kienet tghix omm Camilleri.

“2. Meta gie biex isir l-interrogatorju ta’ Camilleri fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fit-8 ta’ Settembru 2006 fis-2.16 p.m., ma kienx inghata l-fakolta li jikkomunika ma’ avukat ta’ fiducja qabel sarulu d-domandi mill-Ispettur Ciappara. Dak iz-zmien persuna arrestata ma kellha l-ebda jedd li tikkomunika ma’ avukat qabel isirulha domandi mill-ufficjal tal-pulizija li jkun qieghed jinvestiga l-kaz. Madankollu Camilleri:-

“a. Ma ffirmax l-istqarrija;

“b. L-unici domandi li wiegeb ghalihom kienu li jahdem ghal rasu, li f’dak iz-zmien ma kienx qieghed jahdem u fl-Ingilterra kien hemm proceduri sabiex ikun boarded-out, kien divorzjat bi tlett itfal, ghandu karrozza Peugeot 306, ghandu mobile bin-numru 99806449. Zied ighid ukoll li l-mobile l-iehor (Samsung) kien tieghu, izda s-sim card

kienet ta’ Mario Abdilla u li ma kienx jaf in-numru. Inoltre, qal li s-simcard fil-mobile l-iehor (tal-marka LG) kienet tieghu.

“Pero mid-digriet li bih giet ordnata r-riferenza kostituzzjonali, hu evidenti li l-ilment ta’ Alfred Camilleri hu limitat ghal dak li seta’ qal barra u gewwa d-dar fejn instabet il-kaxxa li fiha kien hemm il-pilloli.

“3. Fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2011 l-Ispettur Ciappara spjega li Camilleri kien gie arrestat ic-Cirkewwa, flimkien ma’ certu Mario Abdilla, u ttiehed f’dar f’Sant Ursola, Valletta. Waqt li kienu fit-triq, l-Ispettur Ciappara qal li tkellem ma’ Camilleri: *“Gharraft lil Camilleri li qed naghmel investigazzjoni dwar id-droga u li hu ma kellu l-ebda obbligu li jwegibni ghad-domandi li ser naghmillu. Staqsejtu fejn joqghod u hu qalli, jekk niftakar sew, 118*[1]*, Triq Sant’Ursola l-Belt. Staqsejtu min joqghod fil-fond li kienu indikawli l-pulizija fi Triq Sant’Ursola u hu qalli li hemmhekk toqghod ommu. Staqsejt lil Camilleri x’kien ghamel dakinhar u hu qalli xejn partikolari. Staqsejtu kienx irtira pakkett minn x’imkien u wiegeb fin-negattiv. L-istess staqsejtu jekk kienx dahhal xi pakkett fir-residenza in kwistjoni, wiegeb l-istess fin-negattiv. Ghidtlu ‘Inti zgur dwar dan ?’ u hu wiegeb illi kien mar xi hadd u hallielu pakkett hemmhekk.”*. L-Ispettur kompla jghid li gharraf lil Camilleri li ried li jaghmel tfittxija fir-residenza. Camilleri m’oggezzjonax izda talab lill-pulizija li jkunu prudenti ghaliex fid-dar kienet tghix ommu. Cemplu l-qanpiena u omm Camilleri waddbet mis-sular ta’ fuq ic-cavetta u Camilleri fetah il-bieb ta’ barra. Zied ighid:- “*Meta staqsejtu jurini l-pakkett li kienet gabitlu din it-terza persuna qalli “jiena qatt m’ghidtlek hekk”. Ghidtlu, “Inti m’ghidtlix li dahhalt pakkett ?”* u wiegeb *“Iva ghidtlek hekk”. Urini taht it-tarag, kien hemm purtiera, fetahha u xeghel id-dawl taht it-tarag b’bozza zghira. Hemmhekk jiena rajt hafna affarijiet fosthom din il-kaxxa li ghadni kif iddiskrivejt. Staqsejtu jurini liema hu l-oggett li tah dan Joe u hu mmarkali tapit antik. Staqsejtu dwar il-kaxxa, ghidtlu*

[1] Fl-atti tal-proceduri kriminali tissemma d-dar numru 135, Triq Sant’Ursola, Valletta.

*"Jien ghal din il-kaxxa gejt" Qalli "Jiena jidhirli li dik il-kaxxa li ghidtlek illi gabli dan Joe, habib ta' dak hemm barra", cioe Mario Abdilla."*. Skond l-Ispettur, ghal din il-konversazzjoni kienu prezenti tlett ufficcjali tal-pulizija. Fil-fehma tal-qorti d-domandi li saru lil Camilleri setghu iwasslu biex bit-twegiba li jaghti, jinkrimina lilu nnifsu.

"Mill-atti kriminali jirrizulta li waqt il-kumpilazzjoni xehedu ufficjali tal-pulizija u qalu x'qal Alfred Camilleri meta ttiehed fi Triq Sant'Ursola u ghamillu xi domandi l-Ispettur Ciappara. Dawn kienu l-istess Spettur (seduta tal-20 ta' Settembru 2006), Diane Fenech (seduta tal-20 ta' Settembru 2006) u PS1086 Johann Micallef (seduta tat-22 ta' Novembru 2006) u PC213 Nicolai Borg (seduta tal-1 ta' Dicembru 2006).

"4. Dawn it-tip ta' ilmenti huma bazati fuq is-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Salduz v Turkija** tas-27 ta' Novembru 2008. F'dik id-decizjoni l-qorti ghamlitha cara li:

*"..... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' (see paragraph 51 above) Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as* ***from the first interrogation of a suspect by the police****, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see mutatis mutandis, Magee, cited above §44). The rights of the defence will in principle be irretrievably (be) prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*. L-enfazi hi cara, l-access ghall-avukat hi centrali biex jigi assigurat r-rispett ghad-dritt li s-suspettat ma jinkriminax lilu nnifsu. Dritt li kien gie rikonoxxut mill-Grand Chamber fil-kaz **Saunders vs United Kingdom** (1996):

*"The Court recalls that, although not specifically mentioned in article 6 of the Convention, the right to silence and the right not to incriminate oneself, are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protectino of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of article 6... The right not to incriminate oneself, in particluar, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused In this sense the right is closely linked to the presumption of innocence contained in article 6(2) of the Convention."*

"Minn qari tas-sentenza ta' Salduz hu altru milli evidenti li persuna li tkun taht il-kustodja tal-pulizija ghandu jkollha access ghall-avukat qabel twiegeb ghal domandi. Il-Qorti esprimiet il-fehma li ***".... the absence of a lawyer <u>while he was in police custody</u> irretrievably affected his defence rights."***. Mill-gurisprudenza ta' Strasbourg hu evidenti li m'huwiex bizzejjed ghas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li ghandu dritt ghas-silenzju u li dan jigi salvagwardjat kontra kull possibilta' li b'theddid jew weghdiet ta' kull xorta, jista' jigi ndott kontra l-volonta' tieghu li jitkellem u b'hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jigi interrogat jinghata l-opportunita li jikkonsulta ma' avukat biex jatih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tieghu li jezercita tali dritt, billi ma jghid xejn jew jaghmel dikjarazzjoni limitata. Sahansitra, l-Imhallef Bratza (illum President tal-Qorti) mar pass iktar 'il quddiem meta qal: *"I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, **<u>as a rule, a suspect should be granted acccess to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.</u>**"*.

“Il-principju stabbilit fil-kaz ta’ Salduz ma japplikax biss fil-kaz ta’ interrogatorju li jsir fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Domandi jistghu jsiru barra fit-triq, f’karrozza, jew f’dar kif gara f’dan il-kaz. Dan qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni li:-

“i. Fi kliem l-Ispettur Ciappara stess, Camilleri kien arrestat. Il-qorti trid taghmilha cara li b’daqshekk m’hijiex tghid li dak li jinghad fis-sentenza ta’ Salduz japplika biss fil-kaz ta’ persuna li tkun taht arrest, materja li m’hijiex qeghda tigi trattata f’dan il-kaz.

“ii. F’dak l-istadju kien diga’ evidenti li Alfred Camilleri kien qieghed jigi trattat bhala persuna suspettata li wettqet reat u mhux bhala semplici xhud. Ghalkemm hu minnu li l-investigazzjoni kienet dwar Mario Abdilla, pero hu altru milli evidenti li sa qabel l-arrest ta’ Camilleri, il-pulizija ratu jgorr il-kaxxa li fiha kienu nstabu l-pilloli. Skond ma xehed l-Ispettur Ciappar waqt l-istruttorja, il-pulizija li kienu ghassa raw lil Camilleri u Abdilla jgorru u jdahhlu l-kaxxa fil-fond numru 134, Triq Sant’Ursola, Valletta. F’dak ix-xenarju Camilleri ma setax ma kienx ukoll suspettat bhala wiehed mill-persuna li wettaq ir-reati.

“5. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet, Camilleri jsostni li r-rimedju li ghandu jinghata hu *“.... l-kancellament tal-proceduri mehuda fil-konfront ta’ l-istanti u dejjem skond il-ligi t-tehid ta’ proceduri godda.”*. Il-qorti ma taqbilx ma’ din it-tezi. Il-kaz tal-prosekuzzjoni hu bazat fuq provi ohra u mhux il-ftit li qal qabel ittiehed il-Kwartieri tal-Pulizija. Stqarrija hi prova u ghalkemm ma tkunx konformi mal-insenjament tal-kaz **Salduz v Turkija**, ma tivvizjax il-process kollu li jkun sar sa dakinhar.

“Dak li qal Camilleri lill-pulizija meta kienu fid-dar fejn tghix ommu, fil-process kriminali tista’ tintuza bhala prova kontra tieghu biex turi:-

“i. Li per ezempju gideb lill-pulizija meta l-ewwel qal li ma kienx dahhal kaxxa fid-dar imma tapit, u wara qal li l-kaxxa kien gabielu certu Joseph.

“ii. Id-dikjarazzjonijiet kontradittorji li ghamel fi ftit minuti.

“Ghal din il-qorti dak li qal lill-pulizija jista’ jkun rilevanti in kwantu juri *system of conduct* ta’ persuna li ghandha x’tahbi.

“L-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

*“Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista’ tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew b’biza, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi.”*.

“Provvediment li sal-gurnata tal-lum ghad ma kien hemm l-ebda pronunzjament dwaru f’proceduri ta’ din ix-xorta. Strettament, ghalhekk jidher li qorti kriminali li thalli stqarrija fl-atti tkun qeghda tapplika l-ligi (ara decizjoni tal-Qorti Kriminali[2] fil-kaz **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Saliba** tas-6 ta’ Jannar 2012). Min-naha l-ohra fil-fehma tal-qorti ikun kontrosens li din il-qorti tiddikjara li l-akkuzat sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ghaliex ma nghatax access ghall-avukat qabel l-interrogazzjoni, u mbaghad tghid li l-istqarrija tintuza fil-proceduri kriminali. Fejn hemm inkonsistenza bejn id-drittijiet fundamentali u provvediment tal-ligi, huma d-drittijet fundamentali li jridu jipprevalu (ara Artikolu 3 tal-Att XIV tal-1987). L-akkuzat ghandu dritt li jinghata rimedju xieraq. X’jista jkun dan ir-rimedju fi proceduri kriminali li ghadhom pendenti ? Ghal din il-qorti t-twegiba hi li l-istqarrija ma titqiesx bhala prova, u cjoe’ ma tibqax fl-atti[3]. Il-fatt li l-istqarrija tibqa’ fl-atti jfisser li tista’ tintuza fil-proceduri kriminali kontra l-akkuzat. Ir-raguni tghidlek ukoll li jekk dik il-prova tibqa’ fl-atti ghalkemm ma tissemmix fil-motivazzjoni tas-sentenza bhala raguni li wassal lill-qorti biex tikkonkludi li hu hati, hemm xorta l-periklu li tkun

[2] Imhallef Lawrence Quintano.
[3] F’dan il-kuntest din il-qorti (Imhallef G. Camilleri) taqbel mal-fehma li esprimiet din il-qorti fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fl-10 ta’ Ottubru 2011[3]

ghenet biex isahhah il-konvinciment ta’ min irid jiddeciedi li l-akkuzat hu hati tar-reat. Dan irrispettivament jekk il-kwistjoni tal-htija tigi deciza minn gurati jew minn gudikant. Ghalkemm hu minnu li waqt guri l-qorti tista’ taghti ordni fejn ma tippermettix lill-prosekuzzjoni li taghmel riferenza ghal dik il-parti ta’ xhieda li nghatat waqt l-istruttorja u li tirreferi ghal dak li qal Camilleri fis-7 ta’ Settembru 2006 lill-pulizija, pero l-kaz ma jieqafx mas-sentenza tal-Qorti Kriminali in kwantu eventwalment jista’ jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Irrispettivament ta’ x’tista’ tkun il-fehma ta’ din il-qorti, bis-sentenza ta’ Salduz gie stabbilit li r-restrizzjoni ghall-access ghall-avukat tippregudika d-dritt tal-akkuzat ghall-difiza, u l-assistenza legali li nghata wara jew n-natura kontestata tal-proceduri sussegwenti ma jistghux jissanaw id-difetti li sehhew meta r-rikorrent kien taht il-kustodja tal-pulizija. Il-qorti ta’ Strasbourg ma ghamlitx distinzjoni per ezempju bejn nies li diga’ xellfu difrejhom mal-gustizzja u huma midhla tal-pulizija, u nies li qatt ma ghaddew minn esperjenza ta’ interrogazzjoni. Madankollu llum l-ebda qorti lokali ma tista’ tregga l-arlogg lura u ma jidhirx li hemm mod kif wiehed jista’ jahrab minn dak dikjarat f’dik is-sentenza[4]. L-ghoti ta’ somma flus bhala danni hu biss rimedju sussidjarju. Stqarrijiet li jittiehdu minghajr mal-persuna tkun inghatat access ghall-avukat, ma ghandhomx jintuzaw bhala prova kontriha. Dan ghandu japplika wkoll ghal xhieda li tkun ser tressaq il-prosekuzzjoni biex jirrakontaw dwar xi stqarrija verbali tal-akkuzat meta jkunu sarulu mistoqsijiet fil-presenza taghhom.

“6. B’riferenza ghall-argumenti tal-Avukat Generali l-qorti hi tal-fehma li:-

---

[4] Sahansitra l-European Committee for the Prevention of Torture & Inhuman & Degrading Treatment or Punishment (2010) f’rapport ipproponiet: *“Access to a lawyer for persons in police custody should include the right to contact and to be visited by the lawyer (in both cases under conditions guaranteeing the confidentiality of their discussions) as well as, in principle, the right for the person concerned to have the lawyer present during interrogation.”*, u li *“The CPT has also emphasised that the right of access to a lawyer should be enjoyed not only by criminal suspects but also by anyone who is under a legal obligation to attend - and stay at - a police establishment, e.g. as a “witness”.”*.

“(a) Kif rajna m’huwiex bizzejjed li l-pulizija taghti twissija li l-persuna ghandha dritt ma twegibx, u li dak li tghid jista’ jingieb bhala prova fi proceduri gudizzjarji. Inoltre, m’huwiex rilevanti jekk l-akkuzat ikunx gie mgieghel jew le biex jaghmel xi dikjarazzjoni waqt l-investigazzjoni.

“(b) Ghalkemm hu minnu li fil-kaz ta’ Salduz il-persuna li kienet taht il-kustodja tal-pulizija kienet minorenni, madankollu s-sentenza ma kenitx limitata ghal min ghadu taht l-eta’ (ara paragrafu §61 tas-sentenza).

“(c) F’dan il-kaz il-qorti ma tqiesx li kien hemm xi cirkostanzi tali li d-dritt ghall-access ta’ avukat kellu jigi ristrett. M’huwiex verosimili dak li jallega l-Avukat Generali li, *“..... kieku l-Pulizija taghat lill-akkuzat l-opportunita’ li jikkonsulta ma’ avukat tal-fiducja tieghu fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni, kien hemm kull probabilita’ li t-traccja ta’ dak il-pakkett kienet ser tintilef.”*. Fil-kors tal-investigazzjoni l-pulizija kienet taf fejn kien jinsab il-pakkett, u kienet qeghda ssegwi mill-qrib il-movimenti. Inoltre u f’kull kaz, sa dak iz-zmien fil-ligi Maltija persuna taht arrest ma kellha l-ebda dritt li jkollha access ghall-avukat qabel isirulha domandi mill-pulizija.

“(d) Fis-sentenza ta’ Salduz il-qorti ma ghamlitx distinzjoni dwar il-perjodu meta jkunu saru d-domandi. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Il-**Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Mark Lombardi** tat-12 ta’ April 2011, diga’ ghamlitha cara li llum il-gurnata trid tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. B’dan li spjegat ukoll li s-sentenza ta’ Salduz m’ghandix *“.....ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res iudicata.”*.

“(e) Ghalkemm l-Avukat Generali jsostni li biex wiehed jiddeciedi dwar kienx hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq jehtieg li jsir stharrig tat-totalita’ tal-proceduri (**Imbrioscia v Switzerland** inghatat fl-24 ta’ Novembru 1993.), biex tkun tista’ taghmel hekk trid tistenna l-ezitu finali tal-kawza. F’dan l-istadju m’huwiex possibbli li tkun taf jekk ir-rikorrent huwiex ser jigi effettwat min-nuqqas ta’ access ghall-avukat, u dan peress li l-process kriminali

ghadu pendenti u gialadarba ma nafux jekk dak li qal jintuzax bhala prova kontrih f'kaz li jinstab hati tal-akkuzi. Hu wkoll cert li fil-guri mhux ser ikun possibbli li wiehed ikun jaf jekk dak li qal lill-pulizija ttiehidx in konsiderazzjoni biex jinstab hati, peress li l-gurati ma jaghtux motivazzjoni ghad-decizjoni li jkunu waslu ghaliha. F'dan il-kuntest hi nteressanti s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2010 tal-Grand Chamber fil-kaz **Taxquet v Belgium** li kienet tittratta ilment dwar nuqqas ta' smiegh xieraq f'guri, u l-konkluzjoni kienet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni peress li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali ma kenitx motivata. Rilevanti wkoll li l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** (11 ta' April 2011) diga' kellha l-opportunita tghid li n-nuqqas ta' access ghall-avukat waqt l-investigazzjoni jista' jippregudika rrimedjabilment id-dritt ghad-difiza tal-akkuzat, u *"jekk hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le."*.

"7. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-qorti ma tarax skop li tistharreg l-ilment ta' Camilleri taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghalkemm diga' tezisti gurisprudenza li dan il-provvediment ma japplikax ghal kazijiet simili (ara per ezempju decizjoni ta' din il-qorti[5] fil-kaz **ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** tal-10 ta' Jannar 2012).

<u>L-Appell</u>

L-Avukat Generali qed isejjes l-appell tieghu fuq zewg aggravji: [1] li meta saru d-domandi lil Alfred Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006, is-suspett kien f'Mario Abdilla u ma kien hemm ebda suspett konkret f'Alfred Camilleri, l-appellat. Ghalhekk dan ma kienx '*suspect'* f'dik il-fazi inizjali tal-investigazzjoni, u kwindi l-artikolu 6(3)(c) abbinat mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma japplikawx fic-cirkostanzi tal-kaz; u [2] li *dato non concesso* li fis-7 ta' Settembru 2006

---
[5] Imhallef M. Chetcuti.

Alfred Camilleri kien '*suspect'* kif interpretat fil-kuntest tas-sentenza ta' Salduz, ma kienx hemm ksur.

*L-ewwel aggravju*

L-appellant fisser hekk dan l-aggravju tieghu:
"… huwa importanti ferm li jigi sottolineat li l-Pulizija waqqfet lill-akkuzat u ghamlitlu xi domandi li kienu intizi biss sabiex il-Pulizija taghmel l-investigazzjonijiet taghha dwar l-imsemmi pakkett; isegwi ghalhekk li meta saru l-imsemmija domandi lil Alfred Camilleri fis-7 ta' Settembru 2006, is-suspett kien f'Mario Abdilla u ma kien hemm l-ebda suspett konkret f'Alfred Camilleri".

Ghalhekk ladarba sa dak l-istadju l-appellat ma kienx persuna suspettata mill-Pulizija, allura l-artikolu konvenzjonali fuq indikat ma kienx applikabbli ghalih.

Min-naha tieghu l-appellat jirribatti dan l-aggravju billi ssenjala tal-fatt li meta l-Ispettur [illum Sovrintendent] tal-Pulizija Norbert Ciappara kien ghamel xi domandi lill-istess appellat fis-7 ta' Settembru 2006 fid-dar ta' ommu fil-Belt, il-pakkett in kwistjoni kien diga' wasal fid-destinazzjoni tieghu, u *"kien proprju f'dan il-mument illi l-Pulizija kienet ezawriet l-osservazzjoni kollha minnha kondotta sabiex issegwi t-tracci tal-pakket de quo li jirrizulta b'mod l-aktar limpidu li kien wasal fid-destinazzjoni tieghu qabel ma saru d-domandi lill-appellat Camilleri u allura Camilleri f'dak l-istadju kien qed jitqies bhala persuna suspettata."*

Din il-Qorti tosserva li t-tezi tal-appellat, li meta sarulu d-domandi mill-pulizija huwa kien diga' persuna suspettata, issib konferma proprju fid-depozizzjoni li ta l-istess Spettur Norbert Ciappara quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fejn *inter alia* xehed hekk:
"… l-ghada fis-7 ta' Settembru 2006 jien u s-Supretendent Neil Harrison tajna *briefing* lin-nies taghna fejn indikajnielhom min kienu s-suspettati f'din l-investigazzjoni fosthom l-imputat li qed naghraf prezenti fl-awla Mario Abdilla li qieghed fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti, u lis-sur Alfred Camilleri li mill-investigazzjonijiet li konna ghamilna

sa dak il-hin kien qed jirrizultalna illi seta' kien involut f'din il-bicca xoghol ta' importazzjoni ta' droga wkoll."

Wara li l-pakkett bid-droga wasal minn barra, il-pulizija ghamlet *controlled delivery*. Il-pakkett kellu jingabar minghand l-agenzija *Thomas Smith* ta' Triq San Kristoforu, Valletta. Abdilla u Alfred Camilleri kienu qed jigu pedinati mill-pulizija.

L-Ispettur Nicholas Ciappara kompla jghid hekk:

"… Il-pulizija osservat lil Mario Abdilla diehel ghand l-agenzija *Thomas Smith* u s-sur Camilleri kien baqa' jitlajja fl-inhawi fin-naha ta' barra, pero' hin minnhom dan il-pakkett inhareg minghand *Thomas Smith* u ingarr mis-sur Camilleri u mis-sur Abdilla lejn fond 134 Strada Sant Ursola il-Belt Valletta."

Sussegwentement l-istess Mario Abdilla u Alfred Camilleri marru lejn ic-Cirkewwa minn fejn twaqqfu mill-pulizija li hadithom lura l-Belt Valletta.

Inoltre fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti, l-istess Spettur Ciappara jghid li meta Abdilla u Camilleri kienu c-Cirkewwa *"jien f' dak l-istadju hassejt li ghandi nordna l-arrest*[6] *ta' dawn iz-zewg persuni u hekk sar."*

Din il-Qorti tosserva li mill-provi, u senjatament mix-xhieda kemm tal-Ispettur Ciappara kif ukoll tal-pulizija li kienu qed jakkompanjawh id-dar ta' omm l-appellat, jirrizulta li l-appellat Alfred Camilleri kien f'dak l-istadju persuna suspettata, u li l-mistoqsijiet li kienu sarulu mill-imsemmi spettur ma kinux biss limitati ghall-investigazzjoni biss dwar il-pakkett u fil-konfront biss ta' Mario Abdilla, kif sostnut mill-appellant, imma kienu jestendu wkoll ghall-istess Alfred Camilleri, u certament l-allegazzjoni tal-appellant li *"ma kien hemm ebda suspett konkret f'Alfred Camilleri"* hija gratuwita; anzi hi kontradetta mill-fatti provati.

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti

Jirrizulta li fil-fatt fil-mira tal-pulizija kien hemm mhux biss it-tragitt tal-pakkett, izda wkoll l-involviment tal-appellat u ta' Mario Abdilla ma' dak il-pakkett. Ma jistax jigi injorat il-fatt li qabel il-pulizija ma arrestat lil dawn fic-Cirkewwa huma kienu diga' qeghdin jinzammu taht osservazzjoni. Fil-fatt il-pulizija rawhom jigbru l-pakkett minghand l-agenti *Thomas Smith* u rawhom jitilqu mill-Belt lejn ic-Cirkewwa fejn minn hemm gew arrestati u ttiehdu l-Belt fil-fond fejn kienu garrew il-pakkett.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*It-tieni aggravju*

L-Avukat Generali jsostni t-tieni aggravju principalment kif gej:

Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta bniedem jigi akkuzat b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq minhabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u rriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smigh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. Certament mhux il-kaz li l-Qorti Ewropeja irriteniet li jekk persuna ma kenitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigh xieraq.

Id-dritt ta' smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha.

Alfred Camilleri bl-ebda mod ma kien imgieghel li jaghmel id-dikjarazzjonijiet li ta matul l-investigazzjonijiet. F'kull kaz huwa nghata t-twissija skont il-ligi senjtament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq. Huwa manifest li Alfred Camilleri kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.

Ic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz huma ben diversi mic-cirkostanzi fil-kawzi li ghalihom ghamlet riferenza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). F'dan il-kuntest, li kieku ghall-grazzja tal-argument id-domandi li saru lill-akkuzat fis-7 ta' Settembru 2006 jitqiesu "*first interrogation of a suspect by the police*" dawn ic-cirkostanzi huma tali li jimmeritaw il-limitazzjoni tad-dritt tal-akkuzat li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.

Dawn ir-ragunijiet jinkludu l-fatt li l-Pulizija kienet qed issegwi u tindaga dwar il-pakkett u mhux lill-akkuzat f'dik il-fazi inizjali tal-investigazzjoni kif ukoll ghaliex li kieku l-pulizija tat lill-akkuzat l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni, kien hemm kull probabilita` li t-traccja ta' dak il-pakkett kienet ser tintilef.

Oltre d-dikjarazzjoni li ghamel l-appellat fis-7 ta' Settembru 2006 kien hemm provi ohrajn li jikkorraboraw it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Id-decizjoni ta' ***Salduz v. Turkija*** ma tapplikax ghac-cirkostanza tar-riferenza kostituzzjonali odjerna li jirreferu ghal dikjarazzjonijiet li gew rilaxxjati qabel id-decizjoni ta' Salduz.

Min-naha tieghu l-appellat isostni li l-fatt wahdu li hu ma kienx gie mgieghel li jirrispondi ghad-domandi li sarulu ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura ma tississistix lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

Inoltre, jiccita bran minn concurring opinion tal-Imhallfin Zagrebelsky, Casevall u Trumen li b'referenza ghas-sentenza ta' ***Salduz v Turkey*** jghidu:
"… the legal principle to be derived from the judgment is therefore normally and apart from excpetional limitations an accused person in custody is entitled right from the beginning of police custody or pre-trial deterntion to be visited by defence counsel to discuss everything concerning his defence and his legitimate needs. Failure to allow that possibility regardless of the question of interrogations and their use by the Courts amounts,

subject to exceptions, to a violation of Article 6 of the Convention."

Huwa jiccita lil awturi Clayton and Tomlison li jghidu:
"Where evidence has been obtained in contravention of a constitutional right, there is a strong presumption in favour of exclusion. As it stresses in People [A-G] vs O'Brien evidence which is obtained in deliberate breach of a constitutional right is inadmissible and there is no 'good faith' exception." [The Law of Human Rights, 2nd edition, Vol.1]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi fl-ewwel lok huwa opportun li jigi rilevat li, fil-proceduri kostituzzjonali odjerni, fejn il-vertenza kienet proprju l-allegata lezjoni tad-dritt fundamnetali ghal smigh xieraq ta' Alfred Camilleri, l-imsemmi Spettur Norbet Ciappara xehed b'aktar dettal dwar ic-cirkostanzi relatati mad-domandi li hu staqsa lill-istess Camilleri fid-dar ta' omm dan.

Huwa xehed li meta kienu sejrin mic-Cirkewwa lejn il-Belt biex imorru fid-dar ta' omm Camilleri, l-Ispettur kien gharrfu lil Camilleri li "din hija investigazzjoni dwar id-drogi u jekk fid-domandi li ser naghmillu jhoss li b'xi twegiba minnhom jista' jinkrimina lilu nnifsu ghandu dritt li lili ma jaghtini l-ebda twegiba". L-Ispettur kompla jghid li Camilleri "ikkoopera mieghi kemm meta konna qeghdin fit-triq kif ukoll meta dhalna god-dar tal-mama` tieghu. Fl-ebda hin lili m'ghamilli xi domanda". Inotre, fid-depozizzjoni[7] tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa qal li kien kellem lil Alfred Camilleri "<u>wkoll</u>" fit-8 ta' Settembru, u "hadtlu stqarrija wara li <u>wkoll</u> kien moghti t-twissija".[8]

Fic-cirkostanzi, tenut kont li din id-depozizzjoni tal-Ispettur Ciappara f'dawn il-proceduri ma gietx kontraddetta, din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni valida l-ghala ghandha

[7] 20 ta' Settembru 2006
[8] Sottolinear tal-Qorti

tiskartaha bhala inveritiera. Ghaldaqstant qed taccetta bhala fatt provat li d-debita twissija nghatat skont il-ligi lil Alfred Camilleri qabel ma bdew isirulu l-mistoqsijiet.

Illi pero` l-ilment tal-appellat Alfred Camilleri li wassal sabiex issir l-ordni ta' referenza de quo mill-Qorti Kriminali huwa fis-sens li hu ma *"kienx inghata l-fakolta` qabel ma gie interrogat li jikkomunika ma' avukat tal-fiducja tieghu."*

Mill-provi jirrizulta pacifiku li, kemm meta Camilleri kien qed jirrispondi ghad-domandi tal-Ispettur Norbert Ciappara fid-dar ta' ommu fil-Belt Valletta, kif ukoll l-ghada meta rrilaxxja l-istqarrija d-depot, huwa ma kienx assistit b'avukat. Jirrizulta pacifiku wkoll li, filwaqt li ghall-mistoqsijiet li sarulu fid-dar ta' ommu Camilleri kien ikoopera mal-pulizija fis-sens li rrisponda ghad-domandi li sarulu, izda meta l-ghada rrilaxxja l-istqarrija huwa pprevalixxa ruhu mid-dritt li ma jwiegibx.

In tema legali din il-Qorti tirribadixxi l-principju li ma hemmx dritt fundamentali ghall-assistenza legali waqt l-investigazzjoni tal-pulizija izda hemm dritt fundamentali ghal smigh xieraq, b'mod li ghalhekk in-nuqqas li l-indagat ikun assistit minn avukat ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura, b'dak il-fatt biss, ghandu jitqies li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. L-ghan tad-dritt ghall-assistenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni huwa sabiex tiassikura l-legittimita` tal-istqarrija, partikolarment fejn il-persuna indagata tkun f'sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita` jew biza'.

"27. Din il-Qorti gja osservat li l-jedd [ghall-avukat] jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull starrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b' xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat." [9]

[9] Q.Kos. ***Il-Pulizija vs Tyronne Fenech***, deciza 22 ta' Frar 2013

“21. Dan huwa l-kuntest proprju u leġittimu ta’ dan il-jedd: ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta’ għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Hekk, il-każ ta’ Salduz v. it-Turkija[10] kien dwar żagħżugħ li kellu biss sbatax-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta’ avukat u ammetta li kien ħa sehem f’attività politika illegali. Meta, jumejn wara, reġa’ ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta’ Panovits v. Ċipru[11] ukoll l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiae* – inħoloq suspett ta’ nuqqas ta’ imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta’ nħoloq minħabba t-teħid ta’ stqarrija mingħand minorenni. Fil-każ ta’ Płonka v. Il-Polonja[12] l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta’ vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu.

22. Fost s-sentenzi mogħtija minn din il-qorti nsibu l-każ ta’ Il-Pulizija v. Esron Pullicino[13], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta’ Il-Pulizija v. Alvin Privitera[14], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba’ xhur li għalqet it-tmintax-il sena.”[15]

Fil-mertu l-Qorti tosserva li f’dan il-kaz ma jirrizultax li, meta Alfred Camilleri kien qed jirrispondi ghad-domandi li kienu sarulu mill-ispettur fid-dar ta’ ommu, huwa kien gie mgieghel, la moralment u wisq anqas fizikament, iwiegeb ghal dawn il-mistoqsijiet. Lanqas jirrizulta li dak il-hin huwa kien affett minn xi vulnerabilita` partikolari, li kienet tinnecessita l-assitenza ta’ avukat bhala garanzija li ma jsirux xi abbuzi fir-rigward.

[10] Q.E.D.B 27 ta’ Novembru 2008, rikors 36391/02
[11] Q.E.D.B 11 ta’ Dicembru 2008, rikors 4268/04
[12] Q.E.D.B 31 ta’ Marzu 2009, rikors 30310/02
[13] A.Kost. 12 ta’ April 2011, rikors 63/2009
[14] Q.Kost. 11 ta’ April 2011, rikors 20/2009
[15] Q.Kos. ***Il-Pulizija vs Patrick Spiteri***, deciza 25 Jannar 2013

Jirrizulta li Alfred Camilleri ghandu 55 sena, eta` li ggib maghha grad relevanti ta' maturita`, li, ghalkemm qatt ma skonta sentenza ta' prigunerija, huwa fil-passat kien diga` habbat difru mal-ligi meta kien gie misjub hati ta' ksur tal-buon ordni, kif ukoll tar-reat ta' serq, ghalkemm huwa minnu li ma jidhirx li qabel il-kaz *de quo* qatt kellu esperjenza ta' interrogazzjoni.

Illi dwar dak sottomess mill-Avukat Generali, u cioe` li kieku l-pulizija tat lill-akkuzat l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat fil-mument meta inqabad jikkunsinna l-pakkett in kwistjoni "kien hemm kull probabbilita` li t-traccja ta' dak il-pakkett kienet ser tintilef", din il-Qorti tosserva li dan l-argument ma jreggix bhala wiehed validu, in kwantu mill-provi jirrizulta car li l-pulizija kienet ghal xi zmien segwiet il-movimenti tal-pakkett, u allura taz-zewg persuni li gabruh minghand l-agenzija *Thomas Smith*, u baqghu jsegwuh anke meta dan gie depozitat fid-dar ta' omm Camilleri.  Dawn il-fatti juru li kieku l-pulizija ssoktat bl-investigazzjoni taghha billi ssegwi l-pakkett xorta kienet tasal ghal Alfred Camilleri, gjaladarba l-pakkett kien ittiehed ghand ommu.

Min-naha l-ohra, il-konsiderazzjoni premessa u c-cirkostanzi indikati fl-ahhar paragrafu, juru li d-domandi li saru lill-Alfred Camilleri fid-dar ta' ommu ma kinux l-unika prova li kellhom il-pulizija kontra tieghu, tenut kont tal-fatt li huma kienu raw kemm lil Camilleri kif ukoll lil Abdilla jirtiraw il-pakkett minghand l-agenzija fuq indikata, u jgorruh flimkien lejn il-Belt.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata tas-16 ta' Jannar 2012, u dwar l-ordni ta' referenza mibghuta mill-Qorti Kriminali tiddikjara li ma sehhet ebda lezjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' Alfred Camilleri.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.

Tordna lir-Registratur sabiex jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------